ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 31/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 17 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-16:45hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 30

31.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 30 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari 4/2021 dwar Servizz tal-Internet għal-Live Streaming tal-Laqgħat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

31.3.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien applika biex iżomm is-servizz tal-internet eżistenti biex il-Live Streaming tal-laqgħat jibqa' għaddej kif inhu u l-Kunsilliera jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu waqt il-laqgħat u meta jkunu l-uffiċċju. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

31.3.1.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa x'ser jiġri bil-*backups* li l-Kunsill għandu preżentament.

31.3.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija talbet biex il-Kunsill iżomm il-*backup* lokali u juża d-*drive* għall-affarijiet oħra li jkollu bżonn.

31.3.1.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar talab li jekk il-Kunsill jiġi mġiegħel bil-liġi li l-*backups* kollha jitpoġġew fuq id-*drive* tal-MITA, hu jitlob li d-data personali tiegħu titneħħa kollha mill-Kunsill.

31.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta mingħand il-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu rigward il-parking ta' biswit l-istess Kulleġġ.

31.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din ir-risposta u qablu li tintalab laqgħa ma' Sports Malta biex jiġi diskuss il-ftuħ tal-parkeġġ biswit l-iSports Complex 24 siegħa kuljum.

31.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva rapporti li kien sar xogħol ta' sinjali tat-traffiku f'Ħal Kirkop, liema sinjali l-Kunsill ma kienx infurmat bihom.

31.3.3.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li qed isiru ħafna affarijiet minn wara dahar il-Kunsill u dan mhux sewwa. Il-Kunsill mhux qed jiġi stmat xejn.

31.3.3.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li mhux sewwa li min jaf lil xi ħadd jinqeda u ħaddieħor ma jinqedhiex.

31.3.3.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kunsill ma jistax jibqa' sejjer hekk. Hu qal li hemm bżonn li l-Kunsill jibda jagħmel is-sinjali li jintalbu mir-residenti kull meta t-talba tkun ġustifikata u jkun hemm qbil fil-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

31.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-European Week of Sport.

31.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena l-Kunsill ma jieħux sehem.

31.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minħabba raġunijiet ta' xogħol is-Segretarju Eżekuttiv ma kinetx ser tilħaq tieħu l-*vacation leave* kollu tas-sena 2021 u għaldaqstant talbet biex takkumula 104 siegħat *vacation leave* mis-sena 2021 għas-sena 2022.

31.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv u qablu li dawn il-104 siegħat jiġu mġedda kif mitlub.

31.3.5.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 104 siegħat *vacation leave* mis-sena 2021 għas-sena 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

31.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ST Microelectronics rigward talba għal *pedestrian crossing* fi Triq San Pietru ħdejn il-*bus shelter*.

31.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u kien hemm qbil li ma hemmx għalfejn issir *pedestrian crossing* fejn mitlub minħabba li fi Triq San Pietru diġa hemm żewġ *pedestrian crossings* oħra ftit metri bogħod.

31.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien bagħat l-interess tiegħu biex ikun *partner* fil-proġett Network of Towns. Il-Kunsill ser ikun qed jistenna jekk ġiex aċċettat u jkun jista' jiddiskuti aktar fid-dettal malli jirċievi aktar informazzjoni.

31.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-MHSA rigward offerta biex isiru *health checks* fil-lokalità.

31.3.8.1 Il-Kunsilliera iddiskutew din il-korrispondenza u qablu li nagħtuhom data fost il-ġimgħa u jiġu fl-uffiċċju tal-Kunsill. L-aħjar jekk ikun nhar ta' Tnejn jew nhar ta' Erbgħa u navżaw lid-Day Centre biex jinforma lil dawk li jattendu.

31.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Housing Authority biex jaraw il-Kunsill kienx irċieva aktar blokok interessati li jagħmlu manutenzjoni tal-komun.

31.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u l-Kunsillier Cody Galea qal li ser jitkellem ma persuna minn waħda mill-Blokok li kienu interessati biex jara jekk hux se japplikaw u jagħti risposta l-Uffiċċju.

31.3.9.2 Jekk sa l-aħħar ta' Awwissu ma tkunx waslet risposta, il-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-Awtorità tad-Djar li ma għandux aktar applikazzjonijiet x'jissottometti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

31.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Ispettur tal-Pulizija biex issir laqgħa magħhom dwar problemi fil-lokalità.

31.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew data għal din il-laqgħa.

31.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Ċirkulari SPI/SCI/3/2020 rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità.

31.3.11.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie infurmat li t-talba tal-Kunsill għal dawn il-fondi kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien jikkwalifika għal €6728.94.

31.3.11.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tistaqsi lid-Dipartiment dwar kif inħadmet din iċ-ċifra u għaliex il-Kunsill ma ingħatalux l-ammont kollu.

31.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta rigward awtorizzazzjoni lill-Kunsill għall-implimentazzjoni ta' sinjali ta' parkeġġi.

31.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Security Services Ltd. rigward is-servizz ta' ġbir ta' flus mill-Kunsill Lokali.

31.3.13.1 Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jiffirma kuntratt ma' din il-kumpanija kif jiskadi l-kuntratt eżistenti peress li dan is-servizz huwa orħos.

31.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Animal Honours Award.

31.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena l-Kunsill ma jieħux sehem.

31.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tirrapreżenta lill-Kunsill fi proġett kulturali fil-Portugal.

31.3.15.1 Is-Sindku kompla jgħid li dan il-proġett huwa kollu ffinanzjat minn programm tal-Unjoni Ewropeja. Minħabba l-iskeda tal-ajruplani is-Segretarju Eżekuttiv ser ikollha tmur ġurnata qabel u għaldaqstant ser tkun qed tidħol fi spiża ta' lejl *extra*.

31.3.15.2 Il-Kunsilliera ħadu gost li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tmur għal dan il-proġett, liema proġett jgħin biex jagħti promozzjoni lil din il-lokalità żgħira fin-Nofsinhar ta' Malta. Għal dan il-għan huma qablu li l-ispejjeż *extra* li ser ikunu qed isiru f'dan ir-rigward għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

31.3.15.3 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-ispejjeż *extra* li ser ikunu qed isiru fir-rigward ta' minuta 31.3.15 jitħallsu mill-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

31.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa lis-Sindku dwar ix-xogħol li kien qed isir fi Triq San Pietru u Triq Valletta u staqsa jekk dan ix-xogħol tlesthiex.

31.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li fl-aħħar laqgħa li kellu mal-Perit ta' Infrastracture Malta, dan infurmah li l-bankina ta' Triq Valletta hemm bżonn issir u aktarx jistgħu jidħlu xi parkeġġi. Apparti hekk il-planters ser jiġu rranġati wkoll.

31.4.1.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li tal-inqas hemm bżonn li jsiru s-sinjali tat-traffiku qabel ma jsir xi aċċident ikrah.

31.4.1.3 Is-Sindku ser jitkellem ma' Infrastracture Malta biex din iż-żebgħa li għandha ssir minn naħa tagħhom, issir mill-aktar fis possibbli.

31.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jaħseb li jkun aħjar jekk ir-*roundabout* ta' Triq San Benedittu ssirililha filata oħra. Dan biex tiġi isbaħ u biex jiġi evitat li l-ħamrija tmur fit-triq.

31.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu. Kien hemm qbil li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

31.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ssuġġerixxa li l-ħadid ta' mad-dawra tas-salib f'Misraħ Ħal Kirkop għandu jinqala', jitnaddaf mis-sadid u jiġi ggalvanizzat.

31.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu. Kien hemm qbil li l-ħadid jinqala' mill-ħaddiema tal-Kunsill u jittieħed għall-iggalvanizzar.

31.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li importanti li kull xogħol li jsir mill-Kunsill għandhom jittieħdu ritratti u jsir *marketing* fuq *facebook*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

31.4.5 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:45hrs.

31.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-*area* l-ġdida tal-*Bring In Sites* fi Triq ir-Ramlija.

31.4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet il-korrispondenza meħtieġa lill-Ministeru iżda għalkemm kien beda xogħol ta' tindif ta' sqaqien, kienet għada ma kellhiex komunikat dwar it-tisbieħ tal-area fi Triq ir-Ramlija.

31.4.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet se tibgħat *reminder* f'dan ir-rigward.

31.4.6.3 Is-Sindku Terence Agius qal li minn naħa tiegħu ser ikun qed jitkellem mal-Ministeru biex jagħtuna appuntament.

31.4.7 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar is-servizz tal-kennies. Hi qalet li kien hemm bżonn li jinkinsu Triq San Nikola u Triq il-Lewżiet.

31.4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lill-kuntrattur.

31.4.8 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana talbet biex issir aktar enforcement madwar il-lokalità għax qed ikun hawn ħafna abbużi ta' *parking* ħażin.

31.4.8.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-pulizija dwar dan.

31.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-permessi u jekk il-policy tal-permessi għandhiex tibqa' 48hrs jew issir 24hrs.

31.4.9.1 Il-Kunsilliera qablu li dwar dan il-punt hemm bżonn li ssir diskussjoni biex tkun tista' tittieħed l-aħjar deċiżjoni. Huma qalu li ser ikunu qegħdin jiddiskutu dan is-suġġett biex jaslu għal deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

31.4.10 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar l-ammont kbir ta' bini tal-Awtorità tad-Djar f'Ħal Kirkop u qal li l-Kunsill għandu jingħata xi *soft area* bħala kumpens biex ikun hawn spazju pubbliku miftuħ li jista' jitgawda mill-Koppin kollha.

31.4.10.1 Il-Kunsilliera kollha qablu mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku u ser ikunu qed jaraw tali proposta.

## 31.5 Rapport tal-Ilmenti

31.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

31.5.2 F'dan il-ħin is-Sindku talab biex il-bqija tal-*items* fuq l-aġenda jgħaddu għal-laqgħa li jmiss, minbarra *item* 31.8, liema item ġie diskuss f'minuta 31.3.1, u *item* 31.11 li ser jiġi diskuss qabel tmiem il-laqgħa minħabba l-urġenza tal-pagamenti.

31.5.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-bqija tal-items fuq l-aġenda jgħaddu għal-laqgħa li jmiss, minbarra *item* 31.8, liema item ġie diskuss f'minuta 31.3.1, u *item* 31.11 li ser jiġi diskuss qabel tmiem il-laqgħa minħabba l-urġenza tal-pagamenti, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

## 31.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

31.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 117 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

31.11.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 117 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 31.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.12.1 F’dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

31.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 25 ta’ Awwissu, 2021 fl-16:00hrs.

31.12.3 Il-laqgħa ntemmet fid-20:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 16 ta’ Settembru, 2021

**Mozzjoni Ref:** 175/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 30.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Awwissu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 176/21/9

**Mozzjoni:**

Biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 104 siegħat *vacation leave* mis-sena 2021 għas-sena 2022.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Awwissu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 177/21/9

**Mozzjoni:**

Biex l- ispejjeż *extra* li ser ikunu qed isiru fir-rigward ta' minuta 31.3.15 jitħallsu mill-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Awwissu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 178/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Awwissu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 179/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bqija tal-items fuq l-aġenda jgħaddu għal-laqgħa li jmiss, minbarra *item* 31.8, liema item ġie diskuss f'minuta 31.3.1, u *item* 31.11 li ser jiġi diskuss qabel tmiem il-laqgħa minħabba l-urġenza tal-pagamenti.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Terence Agius | **Sekondant**<br>John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Awwissu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 180/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 117.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Awwissu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**